MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Numru 127/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Mario Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra Mario Farrugia ta' 37 sena bin Joseph u Maria nee' Sapiano imwieled Pieta' fit-18 ta' April, 1965 u residenti 40, Triq San Mikiel, Bormla, detentur ta' karta ta' identita numru 203165(m) akkuzat talli:

1. Fil-15 ta' Mejju 2002 u fil-gimgha ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin

b'rizoluzzjoni wahda, ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta Kap 9;

a) fil-11 ta' Mejju 2002 f'xi hin matul il-jum fi Triq l-20 ta' Jannar f'Hal Qormi, ikkommetta serq ta' 'hairdressing accessories' u oggetti ohra fosthom flus kontanti, li l-valur taghhom jiskorri l-Lm50 minn go vettura tal-ghamla Kia Avella bin numru ta' registrazzjoni CLO 078, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Claudette Tabone;
b) fit-13 ta' Mejju 2002 f'xi hin filghodu fi Triq it-Tarzna Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' handbag u diversi oggetti ohra fosthom flus kontanti, li l-valur taghhom jiskorri l-Lm50, minn go vettura tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni AAN 912, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Ella (Elena) Gatt;
c) fl-istess data, hin u cirkustanzi fi Triq San Xmun fil-Fgura, ikkommetta serq ta' zewg hand-bags u diversi oggetti ohra fosthom flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi l-Lm100 minn go vettura ta' l-ghamla Daihatsu Cuore bin-numru ta' registrazzjoni HAB 423, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur u li sar ghad-dannu ta' Emmanuela Miggiani;
d) fl-istess data, hin u cirkustanzi fi Triq it-Tarzna f'Rahal Gdid ikkommetta serq ta' dokumenti ta' vettura u oggetti ohra minn go vettura ta' l-ghamla Austin Metro bin-numru ta' registrazzjoni DAM 517 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Anthony Vella;
e) fil-15 ta' Mejju 2002 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, f'cirkustanzi differenti, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa;

2. irrenda ruhhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

3. ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi moghtija lilu nhar l-24 ta’ Frar 2000 u nhar is-16 ta’ Novembru 2000, it-tnejn mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima;

4. kiser il-provvedimenti tal-probation Art.5 u 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Magistrat N. Cuschieri LL.D. nhar is-6 ta’ Frar 2001.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat jiddikjara li huwa hati tal-akkuzi f’liema ammissjoni ppersista anka wara li l-qorti taghtu zmien sabiex jikkunsidra;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa kkuzat b’diversi serqiet, b’ricettazzjoni, li hu recidiv u li kiser kemm perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi u l-provedimenti ta’ ordni ta’ probation. L-ammissjoni tal-imputat hu ghal dawn ir-reati fil-kumpless taghhom b’daqstant pero’ illi hu ovvju li bejn ir-ricettazzjoni u s-serq huwa ta’ l-ahhar li ghandu jipprevali ghal fini ta’ ammissjoni kif johrog abbundantement car mill-istqarrijiet minnu rilaxxjati.

Illi stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat issibu ghalhekk hati kif fuq intqal.

Illi ghal finijiet ta’ piena rat l-Artikoli 261(b)(c)(g), 263, 264, 267, 271(g) 278(1)(2)(3), 279(a), 280(2), 49, 50, 18, 31 u 28B(1) tal-Kap 9. Rat illi ghal dak li huwa ksur tal-ordni ta’ probation liema ordni tohrog mis-sentenza tas-6 ta’ Frar 2001 ta’ dina l-Qorti diversament preseduta u dwar il-ksur taz-zmien operattiv tas-sentenza sospiza tal-24 ta’ Frar 2000 ukoll moghtija minn dina l-Qorti diversament preseduta l-istess jinsabu gia kkunsidrati mis-sentenza tad-9 ta’ April 2003 ukoll moghtija minn dina l-Qorti

diversament preseduta u kwindi dina l-qorti kif preseduta ghandha issa tikkunsidra r-reati odjerni fid-dawl tas-sentenza sospiza tas-16 ta' Novembru 2000, ghalhekk tikkundanna lill-imputat kif isegwi:

- billi tordna li s-sentenza tat-tmintax-il xahar prigunerija li kienu gew sospizi u imposti bis-sentenza ta' dina l-Qorti diversament preseduta tas-16 ta' Novembru 2000 ghandhom jibdew isehhu;
- li tikkundanna lill-imputat ghar-reati odjerni li stante l-ammissjoni tal-imputat din il-qorti qeghdha tiddikjarah hati taghhom ghal sena prigunerija.

Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jippermetti lill-akkuzat li jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni kontra l-vizzju tax-xorb u dana taht dawk il-kundizzjonijiet u direttivi li jidhirlu l-istess Direttur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------